**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**kontra**

**ROGER GALEA**

**(ID: 869546(M))**

**Illum, 25 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Roger Galea**, ta' 75 sena, iben Joseph u Agatha nee' Vella, imwieled fid-9 t'Ottubru 1946 gewwa r-Rabat, residenti gewwa l-fond 196, Ghajn Kajjet Block D, flat 2, Triq ir-Riebu, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 869546(M) akkuzat talli fl-14 t'Ottubru 2021 gewwa l-Floriana issogetta lil persuna ohra ghal xi att jew imgieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u jew ghemil il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u jew xi materjali iehor, fejn dak l-att, kliem u jew imgieba ma kienux mixtieq mill-vittma u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha inkluz id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) **Martha Mostajo Lanzas** li spjegat bil-gurament li l-gurnata ta' qabel hija kienet gewwa bar politiku zghir fil-Floriana flimkien mal-boyfriend taghha tiehu kafe. Hija spjegat li hekk kif marret mal-counter sabiex tordna kafe il-qua imputat mar ikellimha. Hija min-naha taghha qaltlu biss 'hello'. Minn hemm hija nizlet tarag biex tmur it-toilet. Kif harget mit-toilet sabet ma wiccha lill-qua imputat li ma hallijiex tohrog. Skond hi, l-qua imputat beda jigbdilha idejha tax-xellug u jipprova jbusha fuq l-istess. Hija tispjega li rnexxileha tisgicca u telghet 'il fuq mwerwra. Hija qalet b'dak kollu li kien gara lill-boyfriend taghha kif ukoll lill-barman, li min-naha tieghu cempel lill-pulizija. Gew il-pulizija li saqsewha jekk riditx taghmel rapport u fil-fatt hija ghamlet rapport gewwa l-ghassa tal-Belt. Ix-xhud gharfet lill-imputat bhala l-persuna li prova jbusha fit-toilet u kkonfermat li ghadu libes l-istess hwejjeg tal-bierah. In kontro-ezami hija kkonfermat ukoll li ma damitx izjed minn zewgt minuti fit-toilet. (2) **Arnau Muste** (l-boyfriend ta' Martha Mostajo Lanzas) li ukoll kkonferma li l-gurnata ta' qabel huwa kien flimkien ma Martha gewwa bar fil-Furjana. Spjega li f'hin minnhom Martha marret tordna l-kafe' mal-counter. Jghid li huwa baqgha barra imma setgha jara gewwa tal-bar. Jghid li f'hin minnhom jara lil Martha tibki, mar jara x'gara u beda jipprova jikkallma. Spjega ukoll li x'hin irrakontatlu x'kien gara mar fuq l-imputat u beda jistaqsieh (bil-lingwa Spanjola) ghaliex ghamel hekk. Il-barman mar fuqu u saqsieh x'kien x'gara u kif ghedtlu, ha lill-qua imputat barra filwaqt li talabhom jibqghu hemm ha jcempel lill-pulizija. X'hin gew il-pulizija saqsewhom irridux jaghmlu rapport u flimkien ma Martha ttiehdet id-decizjoni li jaghmlu l-istess sabiex din is-sitwazzjoni ma tergax is-sehh. Ix-xhud gharaf ukoll l-imputat u rrimarka ukoll li ghadu libes l-istess hwejjeg tal-bierah. In kontroezami x-xhud jikkonferma li hu ma ra xejn mill-allegat agir ghax kien qed jistenna barra; (3) **l-ispettur Gabriel Micallef** xehed li fl-14 ta' Ottubru tas-sena 2021 ghall-habta tal-16.50hrs l-pulizija rceviet rapport minn persuna femminili ta' nazzjonalita' Spanjola li waqt li dina l-persuna kienet f'kazin tal-Labour gewwa l-Furjana flimkien mal-boyfriend taghha, persuna ta' sess maskili l-ewwel ipprova jkellimha fejn hi rrispondietu 'b'hello' b'edukazzjoni. Sussegwentament gie rrapurtat li wara li kienet hierga minn got-toilet tal-istess haunt sabet lil dan l-istess persuna li ghalqilha l-passagg u ma hallijiex titla 'l fuqu, qabadha minn idejha u biesa fuq

idha x-xellugija. L-imputat gie arrestat immedjatament u mehud l-ghassa tal-Belt fejn ittehditlu stqarrija. Ix-xhud spjega li qabel ma ittehditlu l-istqarrija l-imputat kkonsulta mal-Avv. Simon Micallef Stafrace bit-telefon. Fl-interrogazzjoni l-qua imputat innega l-allegazzjoni maghmula minn Martha Mostajo Lanzas; (4) **PS2251 Amanda Parascandolo Bunce** xehdet li fl-14 ta' Ottubru 2021 hija giet infurmata minn PC402 li rcieva rapport minghand persuna ta' sess feminili li spjegat li waqt li kienet qeghda f'bar fil-Furjana kien hemm persuna li prova jwaqqafha milli tohrog mit-toilet u busilha idejha. Hija talbet lil PC402 jinforma lill-vittma tmur l-ghassa tal-Belt sabiex taghmel rapport. Bunce tikkonferma ukoll li l-qua imputat gie arrestat. Ghal-bidu huwa ma ridx itihom id-dettalji tal-identita' tieghu madanakollu meta x-xhud infurmatu li kien ha jinzamm taht arrest jekk ma jaghtiex id-dettalji tieghu huwa provda n-numru tal-karta tal-identita' mal-ewwel; (5) **PC2412 Mariah Bongailas** kkonfermat li hija kienet il-persuna li hadet ir-rapport tal-vittma li gie esebiet u mmarkat bhala Dok. MB; (6) **PC402 Andre' Mifsud** li xehed dwar telefonata anonima li huwa kien rcieva fejn gie infurmat bl-incident gewwa l-bar tal-labour gewwa l-Furjana. Huwa spjega ukoll li l-vittma kienet indikat lill-qua imputat bhala l-persuna responsabbli ghall-agir allegat minnha; (7) **PC2438 Jake Mallia** xehed dwar ir-rapport li rcevew il-pulizija u sitwazzjoni li sabu meta marru fil-bar in kwistjoni; (8) **PC2432 Ryan Fava** xehed rigward il-volontarjeta tal-istqarrija esebieta u mmarkata bhala dok. GM; (9) **Manuel Giordemaina**, il-*barman* il-hanut, li xehed dwar l-akkadut minn dak li setgha jikkonstata hu; u (10) **Sandro Agius,** li prezenta l-filmat tal-akkadut (Dok. SA).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li Martha Mostajo Lanzas fl-14 t'Ottubru 2021 marret gewwa bar fil-Furjana, fejn dahlet mal-*counter* biex tordna l-kafe. Il-filmat prodott bhala evidenza mill-prosekuzzjoni juri lill-vittma tmur mal-*counter* u tkellem ghal ftit mumenti lill-barman. L-qua imputat jidher kjarament bilqieghda fuq gewwa tal-istess bar fejn hekk kif il-vittma daret ghal mument lejh xejrilha. Fix-xhieda taghha hija tispjega li qaltlu 'hello' biex tkun edukata u sussegwentament innjoratu. Fil-fatt mill-filmat jidher li l-vittma harset immedjatament f'direzzjoni ohra. Sussegwentament il-vittma tidher nizla f'kamra fuq in-naha ta' gewwa tal-bar. Fil-fatt fix-xhieda taghha hija tispjega li marret gewwa l-*bathroom* tal-istess bar. Mill-filmat jidher li ghal ftit mument il-qua imputat baqgha bilqieghda izda hekk kif il-barman hareg fuq barra huwa beda miexi biex jinzel ukoll lejn il-kamra fuq in-naha ta' gewwa, liema kamra kienet deskritta mix-xhieda bhala toilets. L-imputat jidher li waqt li kien sejjer lejn it-toilets huwa kien kontinwament mohhu fuq in-naha ta' barra (li kienet id-direzzjoni fejn kien mar il-barman). Ix-xhud Lanzas tispjega li hekk kif kienet hierga mit-toilet issib lill-qua imputat quddiemha jimblokkalha l-access ghall-

barra mill-kamra tat-toilet. Ix-xhud tispjega li l-imputat qabdilha idejha xellugija u beda jipprova jbusilha. Hija tispjega li rnexxielha tahrab u titla' l-fuq. Il-filmat esebiet juri dawn il-ftit mumenti li telghet il-vittma. Mill-filmat jidher carissimu li l-vittma kienet ixxukjata u emozzjonata tant li marret fuq in-naha ta' barra tal-bar. Fix-xhieda taghha hija tispjega li marret tghid lill-boyfriend taghha. Ftit wara jitla' l-qua imputat mit-toilets fejn mill-filmat jidher li kien qed jipprova 'jikkallma' persuna li qed tkellmu. Dan jikkombaca ma dak li xehed Muste li spjega li hekk kif ra lill-imputat beda jghidlu 'ghalxiex ghamilt hekk'. Immedjatament wara jidher il-barman imur fuq il-qua imputat jaqbdu mill-komma tal-flok li kien libes u jkeccieh mill-bar.

Il-qua imputat jinsab akkuzat biss bir-reat ai termini tal-artikolu 251A (1)(e) tal-Kodici Kriminali, liema artikolu fl-intier tieghu jistipula:

*(1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*

*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimità fiżika; jew*

*(d) titlob favuri sesswali mingħand persuna oħra; jew*

*(e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*

*(b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew*

*(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).*

Illi permezz ta' dan ir-reat, introdott ghall-ewwel darba fil-Kodici Kriminali permezz tal-Att XX tas-sena 2005 fl-artikoli 251A; 251B; 251C u 251D, il-legislatur ried li jissanzjona l-fastidju. Izda, il-Kodici Kriminali ma jipprovdiex definizzjoni tal-imgieba li tikkostitwixxi l-fastidju (fit-test ingliz 'harassment'). Hekk kif inghad fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**il-Pulizija vs. Carmelo Vella**"[1], dan l-artikolu gie mehud mil-ligi 'Protection of Harassment Act 1997'.

*"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:*

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it*

[1] Mghotija fl-14 ta' Mejju 2012.

*was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-subartikolu 251A(2) il-legislatur stabillixxa t-test oggettiv tar-'reasonable man' sabiex jigi determinat x'jikkostitwixxi l-fastidju. Dan gie ukoll ikkunsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**"[2] u "**Il-Pulizija vs. Omissis**"[3]

*"Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress"fittest Ingliz) il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tarreat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali firrigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.*

*F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers" li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi*

[2] Mghotija fis-27 ta' Frar 2009.
[3] Mghotija fil-21 ta' Gunju 2007.

> *lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l- "intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal-"incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-"predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.*
>
> *Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*[4]

Fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Alfred Coppola** et"[5] nghad ukoll li:

> *"Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa."*

Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata. Fis-sentenza "**Pulizija vs. Raymond Parnis**" ntqal:

> *"L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli hu ma seta' qatt jinstab, kif effettivament instab mill-ewwel qorti, hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, u dan peress li dak li sehh f'dan il-kaz kien incident wiehed fejn l-appellant allegatament hedded jew insolenta lil martu. Skond l-appellant ma kienx hemm "imgieba" – fit-test Ingliz "course of conduct" – ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 251B. Dwar dana l-aggravju l-appellant ghandu ragun, ghakemm, kif ser naraw, kien hemm effettivament kemm insulti fil-konfront ta' martu kif ukoll breach of*

[4] P vs. Omissis mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-21 ta' Gunju 2007
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 25 ta' Settembru 2019

*the peace. Dak li jirrizulta li gara huwa li l-appellant – li gie mkecci temporanjament mid-dar matrimonjali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) pendenti l-ezitu ta' kawza ta' separazzjoni – mar hdejn din id-dar bil-pretest li jrid igib xi haga li kien halla fil-garage u, kif ra li kien hemm ragel qed ibajjad u li hu ma kellux pjacir bih, beda jghajjat, keccih il-barra u anke qal kliem malafamanti fil-konfront ta' martu. Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear <u>on each of those occasions</u>…". Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi ragunu – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents*

*would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

L-istess gie ddikjarat fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Emanuel Sciberras**"[6]:

*"18. Kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, sabiex tirnexxi l-imputazzjoni tal-fastidju kif ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jehtieg li jkun hemm "a course of conduct" u ghalhekk mhux sufficjenti ghal fini ta' prova jekk jirrizulta li l-allegata molestja sehhet f'okkazzjoni wahda naturalment bil-kelma "okkazzjoni" suggetta ghall-interpretazzjoni."*

Fil-kaz in dezamina, mill-provi prodotti jirrizulta li l-imgieba tal-qua imputat fil-konfront tal-vittma, partikolarment meta imblokka l-hrug tal-vittma mit-toilet filwaqt li prova ibus idejha, indubbjament kienet wahda b'konnotazzjoni sesswali. Mix-xhieda taghha kif ukoll mir-reazzjoni taghha hekk kif jixhed il-filmat esebiet jirrizulta kjarament ukoll li din l-imgieba ma kinitx wahda mixtieqa mill-vittma. Fil-fatt mill-filmat jidher kjarament li l-vittma telghet mit-toilet tigri agitata u emozzjonata ghall-ahhar. L-agir tal-qua imputat kontra r-rieda taghha huwa indubbjament wiehed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma. F'dan ir-rigward din l-Qorti taghmel ukoll referenza ghax-xhieda tal-vittma meta giet mistoqsija jekk taghrafx lill-qua imputat l-ghada tal-incident in kwistjoni. Ix-xhud wiegbet: *"Ma nixtieqx inhares lejh imma jien u diehla rajtu iva."* Dan juri l-effett bezghan li l-agir tal-qua imputat halla fuq il-vittma li kienet

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 t'April 2021

f'Malta ghall-vaganza fejn adirittura lanqas biss ma riedet thares lejh fl-awla tal-Qorti.

Madanakollu dan l-agir tal-imputat jikkostitwixxi okkazzjoni wahda biss. Kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, anke fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-reat li bih Galea jinsab imputat jirrikjedi '*course of conduct*' li indubbjament huwa nieqes fil-kaz in ezami.

Huwa minnu li l-qua imputat ipprova jkellimha billi xejrilha u qalha 'hello' qabel ma l-vittma nizlet lejn it-toilet madanakollu, fil-fehma ta' dina l-Qorti, din l-imgieba (limitament li ssellem lil xi hadd) ma hijiex imgieba offensiva, umiljanti, degradanti, jew intimidatorja fit-termini tal-artikolu 251A(1)(e). In oltre, fil-fehma ukoll ta' dina l-Qorti din it-tislima ma tistax titqies bhala okkazzjoni distinta mill-incident abbuziv fit-toilet galadarba din sehhet ftit minuti biss qabel. Ghaldaqstant l-imgieba tal-imputat fit-totalita' taghha ghandha titqies bhala l-istess okkazzjoni wahda.

Din l-imgieba min-naha tal-qua imputat hija punita that disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali, madanakollu ma hijiex tali li tissodisfa l-imputazzjoni prospettata mill-prosekuzzjoni permezz tal-proceduri odjerni.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-artikolu 251A(1)(e) tal-Kodici Kriminali, qed tillibera lill-qua imputat Roger Galea mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur